**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 8/18 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet iżżewgu nhar l-10 ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija tlieta u sittin (1963), gewwa l-Hamrun, u z-zwieg taghhom huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tal-iskrizzjoni 1655/1963, kopja ta' liem qieghda tigi annessa u mmarkata bhala **Dokument A**;

Illi s-separazzjoni bejn il-partijiet giet pronunzjata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onor Imhallef Stephen Borg Cardona nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) (Citazzjoni nru 40/81), vera kopja ta' liem qieghda tigi annessa u mmarkata bhala **Dokument B**;

Illi minn dan iz-zwieg ma kien hemm ebda tfal;

Illi l-partijiet ma żammew l-ebda kuntatt ma xulxin f'dawn is-snin kollha;

Illi m'hemm l-ebda propsett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti bejn il-partijiet, u dan kif jista' jigi kkonfermat mill-istess sentenza tal-Onor Imhallef Borg Cardona;

Illi l-partijiet huma cittadini Maltin u t-tnejn huma domiciljati Malta;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikoli 66B u 66D tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab ai termini ta' l-Artikolu 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekkk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata li permezz taghha tiddikjara illi ghalkemm hija moralment ma taqbilx mad-divorzju ghal ragunijiet ta' kuxjenza, hija taqbel mal-fatti kollha kif esposti mill-attur u

ghalhekk ma hiex toggezzjona ghat-talba tal-attur ghad-divorzju, izda toggezzjona ghat-talba ghall-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza moghtija fit-30 ta' April, 1986;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.